MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1595/2005

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Philip Attard**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' tlett mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm328.25) dovuta bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 99850399 b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz f’l-10 ta’ Awissu 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ tlett mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm328.25) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------